**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 22 ta' Gunju 2022**

Numru 1

**Rikors Nru. 83/2019**

**Atlas Insurance PCC Ltd f'isimha proprju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Klikk Limited abbazi tal-polza tal-assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Klikk Limited**

**vs**

**Express Trailers Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni maghmul mis-socjeta konvenuta Express Trailers Limited (ritrattandi) wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tat-12 ta' Jannar 2022 li cahdet l-appell taghha u wkoll l-appell incidentali tas-socjetajiet attrici, u ikkonfermat fl-intier taghha s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-8 ta' April 2021;

Rat ir-risposta tas-socjetajiet attrici;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tar-ritrattandi huma s-segwenti:

1. Li saret applikazzjoni hazina tal-ligi ai termini tal-artikolu 811(e) tal-Kap. 12.

Jibda biex jinghad li l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 jistabilixxi illi:

> Thassir ta' sentenza ghal din ir-raguni jinghata biss meta l-qorti tapplika ligi hazina flok dik illi kienet tassew applikabbli ghall-kaz. Ma jinghatax meta l-kwistjoni tkun 'dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni' (**Konkors ta' kredituri ta' Carmelo Gauci Ltd**, App 19/05/2011)
>
> L-interpretazzjoni tal-ligi ma tistax taghti lok ghal ritrattazzjoni. Sabiex ikun hemm jedd ghal ritrattazzjoni taht din id-disposizzjoni, il-qorti trid tkun applikat disposizzjoni ta' ligi flok ohra (ara sentenza ta' din il-qorti **Bank of Valletta plc vs Carmelo Farrugia Melfar Limited et,** App 09/05/2017).

2. Li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-12 ta' Jannar 2022 hi l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew dokumenti tal-kawza ai termini tal-artikolu 811(l) tal-Kap. 12.

Ir-ritrattandi jallegaw illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell hi l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew id-dokumenti skont artikolu 811(l) tal-Kap. 12. Fi kliem iehor dak li qed jallega r-ritrattand hu li jezisti zball ta' fatt fis-sentenza fejn is-suppozizzjoni ta' fatt li l-verita tieghu hi bla dubju eskluza jew suppozizzjoni li ma jezistix fatt li l-verita tieghu tkun stabbilita pozittivament.

Ma jistax pero r-ritrattand f'dawn il-proceduri ta' natura eccezzjonali jittanta jressaq appell mill-gdid fuq fatti u argumenti gia spjanati u decizi mill-Qorti tal-Appell. L-artikolu 811(l) mhux intiz ghal dan l-iskop kif del resto mhux intiz ghal dan l-iskop il-kawzali kollha ta' ritrattazzjoni fl-artikolu 811 tal-Kap. 12.

Kif tghid il-gurisprudenza, zball ta' fatt li jaghti lok ghar-ritrattazzjoni jrid jirrelata ghal punt li ma giex kontestat, diskuss u deciz mill-Qorti, u jrid ikun wiehed materjali, manifest u li jirrizulta mill-atti nfushom, ghaliex mhux permess li jitressqu provi biex jippruvaw tali zball. Minbarra dan, l-izball ma jridx ikun relattiv ghall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun gie jew seta' gie mifhum mill-gudikant li ta s-sentenza li qieghed jintalab it-thassir taghha ghaliex dan mhuwiex zball li johrog mill-atti imma fis-sewwa konvinciment insindakabbli tal-gudikant.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Rosa Fenech vs Jane sive Giovanna Cini et**, (App 15/07/2019):

> l-izball li jwassal ghat-thassir ta' sentenza u s-smigh mill-gdid tal-kawza irid ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant fis-sens li kien il-fondament ewlieni tas-sentenza. B'dan il-mod, inghad li ma hemmx lok ghat-thassir tas-sentenza jekk kemm-il darba din, ghalkemm vizzjata minn zball ta' fatt manifest, tkun tista' tigi mod iehor imwiezna b'ragunijiet ohrajn indipendenti minn tali zball. Fuq kollox, ma tithalliex issir ritrattazzjoni fejn il-fatt zbaljat ikun punt li gie ikkontestat u deciz fis-sentenza attakkata

**L-ewwel aggravju dwar applikazzjoni hazina tal-ligi**

Ir-ritrattandi jispjega ruhu hekk:

> Illi fl-umli fehma tal-esponenti, kemm din l-Onorabbli Qorti, kif ukoll il-Qorti tal-Magistrati qabilha, applikat il-ligi b'mod zbaljat meta kkonkludiet illi l-limitazzjoni tar-responsabilta tal-konvenuta, bhala l-carrier, ma setghetx tigi mahduma fuq il-gross weight tal-konsenja shiha li minnha gew misruqa ftit elementi, izda bil-fors, sabiex tigi stipulata l-limitazzjoni kellha ssir prova tal-piz ta' dawk l-elementi partikolari li gew misruqa;
>
> Illi dan spicca kellu l-effett li s-socjeta konvenuta ma gawdietx mil-limitazzjoni tar-responsabilta illi z-zewg qrati stabbilew li kellha tgawdi minnha, u minflok l-ammont tad-danni li kellha twiegeb ghalihom zdied b'ghaxar darbiet aktar milli kieku giet imposta l-limitazzjoni ta' responsabilta fuq it-total gross tal-merkanzija li ngarret u li minnha nsterqu biss ftit elementi;
>
> Illi huwa wisq ovvju illi l-piz tal-elementi misruqa ma seta' qatt kien aktar mill-piz globali tal-merkanzija shiha li kellha tingarr u li minnha nsterqu ftit elementi;
>
> Illi minkejja illi kien ikun hafna aktar vantaggjuz illi l-konvenuta tistabbilixxi l-piz tal-elementi li fil-fatt insterqu sabiex il-limitazzjoni tkun sahansitra anqas minn dak li kienet lesta biex thallas abbazi tal-piz tal-merkanzija shiha, il-fatt li ddecidiet tillimita r-responsabilta taghha abbazi tal-piz shih tal-konsenja kollha ma jfissirx illi b'hekk hija rrinunzjat ghall-applikazzjoni tal-limitazzjoni li kien jirrizulta mill-piz shih tal-konsenja kollha;
>
> Ili imkien il-ligi applikabbli, u cioe l-Artikolu 23(3) tas-CMR tghid illi, jekk il-piz tal-konsenja kollha hija stabbilita, kif kien bla ombra ta' dubju stabbilit fil-kaz odjern, il-limitazzjoni ma tistax tigi stabbilita fuq dak il-piz daqslikieku l-konsenja kollha giet misruqa;

Il-Qorti tal-Appell spjegat ruhha hekk fuq din il-kwistjoni:

Is-socjetà konvenuta ssostni li ladarba l-Ewwel Qorti laqghet parzjalment it-tieni eccezzjoni taghha u accettat li f'dan il-kaz japplika l-principju tal-limitazzjoni tad-danni ai termini tal-Artikolu 23(3) CMR, din kellha tikkonsidra wkoll il-fatt li l-piz totali tal-merkanzija li kellha tingarr kien ta' 190 kilogramma, u ghalhekk l-oggetti li nsterqu bilfors li kellhom piz inqas minn hekk. Is-socjetà konvenuta argumentat li anki li kieku wiehed kellu jikkonsidra li l-piz totali tal-oggetti li nsterqu kien ta' 190 kilogramma, bit-thaddim tar-rata tal-kambju attwali ta' 8.33 SDR ghall-Euro, 8.33 SDR jammontaw ghal €7, u meta wiehed jimmultiplika dan l-ammont b'190 kilogramma, wiehed jasal ghac-cifra ta' €1,330. Is-socjetà konvenuta qalet li dan huwa l-ammont ta' danni li kellu jigi likwidat mill-Ewwel Qorti, u mhux is-somma li fil-fatt giet likwidata.

Jirrizulta li l-likwidazzjoni tad-danni li ghamlet l-Ewwel Qorti hija bbazata fuq it-total tad-danni attwalment sofferti mis-socjetajiet attrici, stante li kien hemm excess fl-ammont ta' €120 li thallas mis-socjetà Klikk Limited sabiex setghet tinfetah il-claim mas-socjetà assiguratrici, u l-bilanc tal-ammont reklamat li thallas mis-socjetà assiguratrici lil Klikk Limited bhala kopertura ghat-telf soffert minnha. L-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni jistabbilixxi limitazzjoni tad-dannu fil-kaz ta' non-delivery tal-merkanzija, ghalkemm anki din il-limitazzjoni ta' responsabbilità hija 'limitata' b'dak li jipprovdi l-Artikolu 29 tal-istess Konvenzjoni li ser jigi ttrattat fid-dettall fil-konsiderazzjonijiet dwar l-appell incidentali mressaq mill-atturi. F'dan l-istadju l-Qorti qieghda tillimita ruhha ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 23(3), li jghid li fil-kaz ta' nuqqasijiet fil-kunsinna, id-danni jigu kkalkolati fuq il-valur tal-merkanzija, maghduda wkoll il-carriage charges, Customs duties and other charges incurred in respect of the carriage sa limitu ta' 8.33 units of account per kilogram of gross weight short. F'dan il-kaz izda l-unika prova li tressqet quddiem l-Ewwel Qorti kienet li l-piz totali tal-merkanzija li kellu jingarr kien ta' 190 kilogramma, u ma ngabet l-ebda prova dwar kemm kien il-piz tal-merkanzija li attwalment insterqet jew kienet nieqsa mill-konsenja, u ghalhekk l-Ewwel Qorti sabet ruhha f'diffikultà dwar kif setghet issir il-komputazzjoni mitluba mis-socjetà konvenuta fit-tieni eccezzjoni taghha. Jirrizulta wkoll li f'dan il-kaz is-socjetà konvenuta fl-ebda waqt tal-proceduri ma kkontestat x'kienet il-merkanzja li nstab li kienet insterqet, u lanqas ma kkontestat x'hallset is-socjetà assiguratrici lill-assigurata taghha sabiex taghmel tajjeb ghas-serq soffert. Mill-provi jirrizulta wkoll li d-danni attwalment pretizi mill-atturi f'dawn il-proceduri gie ppruvat li huwa l-prezz totali tal-merkanzija misruqa kif jirrizulta minn wahda mill-fatturi pprezentati. Jirrizulta li l-piz ta' 190 kilogramma li kellu jingarr kien ikopri 47 kompjuter, li minnhom 5 kienu desktops, u 8 laptop cases. Il-laptop cases jirrizulta li nsterqu kollha, filwaqt li minn 47 kompjuter insterqu 21 laptop. Il-Qorti hawn ikollha taqbel mal-Ewwel Qorti li ladarba s-socjetà konvenuta fl-eccezzjonijiet taghha resqet talba ghall-applikazzjoni tal-formula kif spjegata fl-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni, hija kellha tressaq l-ahjar provi possibbli sabiex tiffacilita t-thaddim ta' din il-formula mill-Ewwel Qorti. Certament li la kien jispetta lill-Ewwel Qorti u lanqas lil din il-Qorti li jaghmlu huma l-indagini taghhom dwar dan, u ghalhekk dak li qieghda titlob is-socjetà konvenuta ghandu jigi michud, partikolarment

> ghaliex din il-Qorti tqis li prova bhal din setghet facilment tingieb permezz ta' xhieda esperti jew permezz ta' ezercizzju ta' paragun mal-kumplament tal-oggetti li gew ittrasportati. Ghaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhux misthoqq, u tichdu.

Il-Qorti tqis li r-ritrattandi ma ghandux ragun jissottometti li saret applikazzjoni hazina tal-ligi. Il-ligi applikabbli kienet il-konvenzjoni CMR u l-artikolu applikabbli kien l-artikolu 23 dwar il-limitazzjoni ta' responsabilta tal-'carrier'. Hekk fil-fatt ghamlet il-Qorti tal-Appell. Dak li ma hemmx qbil fuqu hu illi filwaqt li r-ritrattandi jsostni li l-artikolu kellu jigi applikat fuq il-konsenja shiha, il-Qorti sostniet illi hi kellha tapplika l-artikolu jekk ir-ritrattandi jgib il-prova ta' dik il-parti tal-merkanzija li kienet misruqa u fuqha kellha tinhadem il-limitazzjoni skont il-ligi. Bhala interpretazzjoni tal-artikolu din il-Qorti ma hiex ser taghti l-fehma taghha ghaliex il-kwistjoni hi biss jekk l-ewwel Qorti applikatx b'mod ristrett wisq l-imsemmi artikolu tenut kont tal-fatti quddiemha. Din mhix applikazzjoni hazina tal-ligi izda interpretazzjoni differenti ta' kif u safejn jista' jigi applikat l-imsemmi artikolu skont il-fatti quddiem il-Qorti.

Ghalhekk dan il-kap ta' aggravju qed jjigi michud.

**It-tieni aggravju dwar zball li jidher mill-atti jew dokumenti**

L-ewwel Qorti qalet hekk dwar il-kwistjoni imqajjma mir-ritrattandi:

> Ghalkemm jirrizulta illi l-piz totali tal-pallet kontenenti l-konsenja shiha minghand Blueprint Corporation Limited kien ta' 190 kilogramm [Ara Dok, JM4, Dok. JM7 *tergo* u Dok. JM8], ma jirrizultax x'kien il-piz totali tal-merkanzija li effettivament kienet nieqsa minn din il-konsenja. Mill-fattura tal-imsemmi supplier jidher illi l-konsenja kien fiha b'kollox sebgha u erbghin (47) kompjuter u tmien laptop cases, fosthom hames desktops. Minn dawn insterqu 21 laptop u 8 laptop cases.
>
> Madanakollu, imkien mill-atti ma jirrizulta x'kien il-piz tal-merkanzija misruqa mill-piz totali tal-konsenja ta' Bluepoint Corporation Limited ta' 190 kg. Il-Qorti tistenna illi din il-prova kellha titressaq minn min kellu interess li tigi applikata l-formula mfissra fl-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni, f'dan il-kaz is-socjeta konvenuta. Galadarba l-laptops li nsterqu kienu ta' ditti differenti u fost il-merkanzija kontenuta fil-pallet in kwistjoni, kien hemm ukoll desktops - li naturalment ghandhom piz ferm ikbar minn dak ta' laptop - l-ezercizzju ta' determinazzjoni tal-piz m'huwiex wiehed li jispetta lill-Qorti taghmlu. Hu ovvju li l-formula stabbilita mill-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni tithaddem bl-uzu ta' cifri precizi u mhux cifri approssimattivi li jigu likwidati fid-dikrezzjoni tal-Qorti, wisq inqas meta lanqas ma ngiebet prova tal-piz approssimattiv u generali ta' kaxxa

kontenenti laptop tad-ditti li kienu jinsabu fil-konsenja in kwistjoni. Il-Qorti ma thossx li huwa kompitu taghha illi taghmel kongetturi dwar il-piz ta' kull kaxxa jew oggett nieqes meta l-prova tal-piz kienet wahda facilment disponibbli lis-socjeta konvenuta, liema prova setghet tingeb anke permezz ta' stima maghmula minn persuna teknika anke inkarigata ex parte.

Il-Qorti hi tal-fehma li fl-assenza ta' indikazzjoni tal-piz ta' kull kaxxa b'laptop ta' kull ditta differenti li gie misruq minn fost il-merkanzija konsistenti sija f'laptops differenti u sija wkoll ta' desktops, ma ghandhiex taghmel tajjeb hija stess ghal dan in-nuqqas tas-socjeta konvenuta, anke ghaliex b'hekk tkun qieghda potenzjalment tippregudika l-interessi ta' xi wahda jew ohra mill-partijiet.

Ir-ritrattandi jissottometti hekk:

Illi bl-akbar rispett, jirrizulta illi dan huwa zball in kwantu, kemm din l-istess Qorti, kif ukoll il-Qorti tal-Magistrati qabilha, kellha quddiemha komputazzjoni cara tal-limitazzjoni tad-danni abbazi tal-piz totali tal-merkanzija shiha. Tant hu hekk illi din il-Qorti fissret l-aggravju tal-esponenti b'dan il-mod:
*il-fatt li l-piz totali tal-merkanzija li kellha tingarr kien ta' 190 kilogramma, u ghalhekk l-oggetti li nsterqu bilfors li kellhom piz inqas minn hekk. Is-socjetà konvenuta argumentat li anki li kieku wiehed kellu jikkonsidra li l-piz totali tal-oggetti li nsterqu kien ta' 190 kilogramma, bit-thaddim tar-rata tal-kambju attwali ta' 8.33 SDR ghall-Euro, 8.33 SDR jammontaw ghal €7, u meta wiehed jimmultiplika dan l-ammont b'190 kilogramma, wiehed jasal ghac-cifra ta' €1,330.*

Illi, kif gja ntqal, il-piz totali ta' 190 kilogramma huwa fatt inkontestat u accettat miz-zewg qrati, u mill-partijiet kollha.

Illi allura din l-Onorabbli Qorti setghet tasal ghall-kwantifikazzjoni tal-limitazzjoni tad-danni, u cioe c-cifra ta' €1,330, kif kienet sottomettiet l-istess esponenti, ghall-kuntrarju ta' dak illi stqarret din l-Onor Qorti u l-Qorti tal-Magistrati qabilha.

Illi isegwi illi s-sentenza pre-citata hija bbazata fuq is-"suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita tieghu tkun stabbilita pozittivament" u dan il-fatt ma huwiex kontestat. Il-fatt in kwistjoni huwa l-piz li fuqu tigi kkalkolata l-limitazzjoni tad-danni tal-esponenti, ai termini tal-ligi (s-CMR), liema piz huwa ta' 190 kilogramma.

Hawnhekk ukoll ir-ritrattandi ma ghandux ragun. L-ewwel Qorti ikkonsidrat li l-piz totali tal-merkanzija kienet ta' 190 kilogramma. Pero fil-fehma taghha kien jimkombi lir-ritrattand li kien qed isostni l-pretensjoni tal-limitazzjoni tar-responsabilta li jressaq il-prova dwar kemm mill-piz totali kellha tigi applikata l-limitazzjoni. Ma hemm ebda zball li jidher li hadet l-ewwel Qorti, semplicement

ma hassitx li kellha tapplika l-limitazzjoni fuq il-piz kollu meta r-ritrattandi messu u kellu l-opportunita jressaq il-prova cara in sostenn tal-eccezzjoni tieghu. Dak li qed jitlob ir-ritrattand hu evalwazzjoni differenti ta' kif l-ewwel Qorti kellha tkejjel il-provi u x'rimedju taghti, haga li ghamlitha l-ewwel Qorti fil-diskrezzjoni mhollija lilha. Dan l-aggravju ma jaqax fl-ambitu tal-artikolu 811(l) tal-Kap. 12 u qed jigi michud.

**Decide**

Ghal ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tas-socjeta ritrattandi ghat-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tat-12 ta' Jannar 2022 u kwindi tikkonferma fis-shih is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri. Spejjez ghas-socjeta ritrattandi.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur